

4.7.2022

B9-0339/2022 }  
B9-0340/2022 }  
B9-0342/2022 }  
B9-0344/2022 } RC1/Am. 1

## Emenda 1

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**  
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, The Left**

Veto nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**  
**Paragrafu 3a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta*

*Emenda*

*3a. Jinnota li dawn l-aħħar deċennji raw l-introduzzjoni ta' sistemi tat-taxxa li jiffavorixxu b'mod partikolari l-kumpaniji multinazzjonali u l-proprjetà ta' valur għoli filwaqt li jżidu t-taxxi fuq dħul aktar baxx u fuq il-konsum, sitwazzjoni promossa mill-UE; jirrimarka li, għalkemm is-sitwazzjoni hija b'mod ċar agħar f'xi pajjiżi milli f'oħrajn, 'il hekk imsejħa kompetizzjoni fiskali, flimkien mal-moviment liberu tal-kapital, il-kompliċità fir-rigward tal-eżistenza ta' rifuġi fiskali u l-frammentazzjoni tal-katina tal-valur imfassla biex jiżguraw vantaġġi fiskali, żiedet l-evalazzjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa fuq skala massiva, kif żvelat minn serje ta' skandli tat-taxxa li esponew uħud mill-benefiċjarji ewlenin u wrew ċar il-kollużjoni bejn l-istabbiliment politiku u n-negozju kbir; jinnota f'dan ir-rigward ir-rwol tal-politiki neoliberali li qegħdin jiġu implimentati u imposti mill-UE, inkluż il-moviment liberu tal-kapital u d-deregolamentazzjoni u l-privatizzazzjoni tas-sistema finanzjarja; jissottolinja r-rwol ta' persuni seniori fl-istituzzjonijiet tal-UE, bħall-ex President tal-Kummissjoni Ewropea, fil-promozzjoni tal-evalazzjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-arranġamenti għat-*

AM\1259784MT.docx

PE733.804v01-00 }  
PE733.805v01-00 }  
PE733.808v01-00 }  
PE733.810v01-00 } RC1

*trasferiment tal-profitt u l-kollużjoni fl-  
eżistenza ta' rifugi fiskali;*

Or. pt

AM\1259784MT.docx

PE733.804v01-00 }  
PE733.805v01-00 }  
PE733.808v01-00 }  
PE733.810v01-00 } RC1

4.7.2022

B9-0339/2022 }  
B9-0340/2022 }  
B9-0342/2022 }  
B9-0344/2022 } RC1/Em. 2

## **Emenda 2**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, The Left**

Veto nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

**Paragrafu 4a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta*

*Emenda*

**4a. Jirrimarka li t-termini tal-ftehim tal-OECD inkorporati fil-proposta għal direttiva li qiegħda titqies għandhom l-għan li jeżentaw bejn 85 % u 90 % tal-gruppi multinazzjonali permezz ta' sensiela ta' eżenzjonijiet u derogi, filwaqt li jipproponu livell inadegwat ta' taxxa minima fuq dawn il-gruppi li huwa inqas mir-rati attwalment applikati f'għadd ta' Stati Membri u li jista' jiġi adottat bħala punt ta' riferiment għat-taxxa korporattiva, u b'hekk ikompli jaggrava l-inugwaljanzi fiskali li jidhru b'mod ċar fil-konċessjonijiet tat-taxxa li gawdew kumpaniji kbar f'dawn l-aħħar deċennji; iqis dan bħala għażla ċara li jiġu difiżi l-interessi tal-kapital minflok ix-xogħol; jirrimarka wkoll li l-ftehim jonqos milli jqis il-pajjiżi bi dħul baxx u medju, li huma partikolarment affettwati mill-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa;**

Or. pt

AM\1259784MT.docx

PE733.804v01-00 }  
PE733.805v01-00 }  
PE733.808v01-00 }  
PE733.810v01-00 } RC1

4.7.2022

B9-0339/2022 }  
B9-0340/2022 }  
B9-0342/2022 }  
B9-0344/2022 } RC1/Em. 3

### **Emenda 3**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**  
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, The Left**

Veto nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**  
**Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta*

*Emenda*

**8a. Jiddefendi l-prinċipju tal-ugwaljanza fost l-istati; iwissi dwar l-iżbilanċ enormi tal-poter bejn l-Istati Membri, minqax fit-Trattat ta' Lisbona, fir-rigward tat-tehd tad-deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet tal-UE, speċjalment fil-Kunsill; jirrimarka li l-prinċipju tal-unanimità – fil-fiit oqsma, iżda li huma sinifikanti, li fihom għadu japplika – iquieghed lill-Istati Membri kollha fuq l-istess livell fil-proċess tat-tehd ta' deċiżjonijiet, filwaqt li jiggarantixxi li ma tiġi imposta l-ebda deċiżjoni kontra l-interessi ta' Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri, u b'hekk ikollu rwol siewi fid-difiża tal-interessi ta' dawk li għandhom inqas saħħa fil-proċess attwali tat-tehd ta' deċiżjonijiet;**

Or. pt

AM\1259784MT.docx

PE733.804v01-00 }  
PE733.805v01-00 }  
PE733.808v01-00 }  
PE733.810v01-00 } RC1

4.7.2022

B9-0339/2022 }  
B9-0340/2022 }  
B9-0342/2022 }  
B9-0344/2022 } RC1/Em. 4

**Emenda 4**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, The Left**

Veto nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

**Paragrafu 8b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta*

*Emenda*

**8b. Jisħaq li t-tassazzjoni hija qasam li jinsab fil-qalba tas-sovranià nazzjonali; iqis li kwalunkwe telf ta' sovranià fiskali huwa inaċċettabbli billi dan ikun ifisser interferenza fis-setgħat ta' intervent tal-Istat, b'mod partikolari fir-rigward tar-ridistribuzzjoni tal-għid, il-kwalità tal-prodotti u s-servizzi pprovduti mis-settur pubbliku, il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-ġustizzja soċjali u r-responsabbilizzazzjoni finanzjarja li tippermetti li stat jiffunzjona;**

Or. pt

AM\1259784MT.docx

PE733.804v01-00 }  
PE733.805v01-00 }  
PE733.808v01-00 }  
PE733.810v01-00 } RC1

4.7.2022

B9-0339/2022 }  
B9-0340/2022 }  
B9-0342/2022 }  
B9-0344/2022 } RC1/Em. 5

**Emenda 5**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, The Left**

Veto nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

**Paragrafu 8c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta*

*Emenda*

**8c. Jirrimarka li m'hemm xejn li jipprevjeni lill-Istati Membri, kemm individwalment kif ukoll f'kooperazzjoni ma' xulxin, milli jimxu lejn sistema li tiżgura tassazzjoni ġusta ta' gruppi multinazzjonali billi jimponu kwalunkwe salvagwardja, eżenzjoni u/jew deroga meħtieġa mill-prinċipji tal-kompetizzjoni u l-moviment liberu fi ħdan is-suq uniku; iqis, f'dan ir-rigward, li l-kontroversja dwar il-prinċipju tal-unanimità u t-talbiet għall-waqfien tiegħu huma biss skuża biex l-Istati Membri jiġu mċaħħda saħansitra aktar setgħat u tkompli tonqos is-sovranià tagħhom f'oqsma li huma ta' importanza ewlenija fil-promozzjoni tal-iżvilupp u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fl-introjtu;**

Or. pt

AM\1259784MT.docx

PE733.804v01-00 }  
PE733.805v01-00 }  
PE733.808v01-00 }  
PE733.810v01-00 } RC1

4.7.2022

B9-0339/2022 }  
B9-0340/2022 }  
B9-0342/2022 }  
B9-0344/2022 } RC1/Em. 6

#### **Emenda 6**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, The Left**

Veto nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

**Paragrafu 11a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta*

*Emenda*

***11a. Jappella għall-qerda tal-evalwazzjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, filwaqt li tiġi rrispettata s-sovranietà ta' kull pajjiż billi jiġu adottati miżuri li jinkludu, fost l-oħrajn:***

- azzjoni biex tiġi żgurata l-eżistenza ta' sistemi tat-taxxa soċjalment u ekonomikament ġusti u progressivi sostnuti mill-awtoritajiet tat-taxxa mogħnija bir-riżorsi meħtieġa;***
- konformità mal-prinċipju tal-intaxxar tal-profitti fejn jiġu ġġenerati;***
- konformità mal-prinċipju li r-rati tat-taxxa effettivi m'għandhomx jaqgħu taħt ir-rati minimi;***
- kontrolli fuq il-kapital;***
- kontroll pubbliku ta' servizzi bankarji kummerċjali;***
- tneħħija tar-rifuġġi fiskali u, sakemm iseħħ dan, projbizzjoni***

AM\1259784MT.docx

PE733.804v01-00 }  
PE733.805v01-00 }  
PE733.808v01-00 }  
PE733.810v01-00 } RC1

*fuq it-trasferimenti finanzjarji lejn  
dawk il-ġurisdizzjonijiet;*

- *kooperazzjoni amministrattiva u  
intergovernattiva fil-livell tal-UE u  
dak globali, inkluża l-  
kooperazzjoni taħt l-awspiċċi tan-  
NU;*
- *stabbiliment ta' korp taħt l-  
awspiċċi tan-NU biex jagħmilha  
possibbli għal aktar pajjiżi u pajjiżi  
anqas żviluppati li jpoġġu fuq il-  
mejda tan-negozjati u li jkunu fuq  
l-istess livell;*

Or. pt